MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2007

Numru 46/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**
**v**

**JESMOND CASSAR**
**TYRONE CRAIG DARK**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **JESMOND CASSAR** ta' tnejn u tletin sena bin Emanuel u Mary Anne nee Veneziani, imwieled Pieta nhar s-sebgha ta' Ottubru 1974 u residenti 15, Triq John Pace, Bormla, detentur ta' karta ta' identita' bin-numru 509274M u **TYRONE GRAIG DARK** ta' ghoxrin sena bin Raymond Alfred u Marie nee Mercieca, imwieled l-Awstralja nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Ottubru 1986 u joqghod 28, Independence Flats, Flat 3, Triq l-Oratorju, l-Isla, detentur tal-karta tal-identita numru 211804L gew mressqa quddiemha akkuzati talli fl-erbatax ta' Jannar

2007, ghal habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar fin-Naxxar bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe dak ta’ serq aggravat minn go residenza privata, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe fil-bieb ta’ barra ta’ residenza privata, liema hsara tammonta ghal aktar minn ghaxar liri maltin izda ma teccedix l-hamsin lira maaltin.

Lil **Jesmond Cassar wahdu** talli rrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrti datati hmistax ta’ Frar 1995, sbatax ta’ Lulju 1997, erbgha ta’ Dicembru 1998 u tlieta w ghoxrin ta’ Marzu 2001 kif wkoll b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datat erbgha ta’ Ottubru 2001 u tal-Qorti Kriminali [Guri] datat sbatax ta’ Marzu 2005.

Lil **Tyrone Graig Dark wahdu** talli rrenda ruhu recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata disgha ta’ Ottubru 2006.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati markati bhala dokument CSH 4 u CSH 5.

Semghet l-ammissjoni taz-zewg imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sittax ta’ Jannar 2007, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront taz-zewg imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li

staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbhom t-tnejn hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat Jesmond Cassar dokument CSH 2, jirrizulta li din qisha ktieb b'sitta w ghoxrin reat registrat fuqha fejn inghata diversi amendi, multi, prigunerija sospiza, u prigunerija effettiva.

Illi huwa nghata diversi cansijiet, forsi fil-fehma ta' din il-Qorti, wisq, pero dan nonostante l-imputat reggha kiser dufrejh mal-Qorti u ghadu jiffaccja l-gustizzja. L-imputat Jesmond Cassar ma tghallimx, anzi jidher li jrid jibqa fit-triq tal-kriminalita. Zgur li ma gharafx jisufruwixxi ruhu minn dawn ic-cirkostanzi w galhekk, il-piena li ser tinghata minn din il-Qorti m'ghandhiex tkun fil-minimu taghha u ghandha tkun differewnti minn dik li ser tinghata lil imputat Tyrone Graig Dark u cioe l-ko-akkuzat l-iehor ghaliex il-passat tieghu huwa differenti.

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-ko-imputat Tyrone Graig Dark esibita bhala dokument CSH 3, jirrizulta li ghandu biss zewg reati registrati fuqha fejn inghata prigunerija u sena sospiza w ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha taghtih cans jirriforma ruhu u jzomm boghod mill-hajja kriminali.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269(g), 270, 278, 279, 280 u 325(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. **Tiddikjara li qed ssib lil imputat JESMOND CASSAR hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddecidi li tikkundannah ghall-sentejn [2] prigunerija effettiva mill-lum.**

**Tiddikjara li ssib lil imputat TYRONE GRAIG DARK hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddecidi bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggih taht ordni ta' probation ghaz-zmien masimu permess mill-ligi ta' tlett [3] snin mill lum taht is-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. li l-imputat Tyrone Graig Dark ghandu jaghmel programm ta' rihabilitazzjoni kontra l-abbuz mid-droga;**
**2. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-imputat Tyrone Graig Dark jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**
**3. li l-imputat Tyrone Graig Dark jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**
**4. li l-imputat Tyrone Graig Dark minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**
**5. li l-imputat Tyrone Graig Dark jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' tlett [3] snin.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**
**V**

**JESMOND CASSAR**
**TYRONE GRAIG KARK**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta]**

**Seduta ta' llum, 16 ta’ Jannar 2007**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmi **TYRONE GRAIG DARK gie mpoggi tahht Ordni ta’ Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta’ tlett [3] snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni ta’ probation lil imputat, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess imputat wera li jrid jhares l-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna li** l-imsemmi **TYRONE GRAIG DARK** ta’ ghoxrin sena bin Raymond Alfred u Marie nee Mercieca, imwieled l-Awstralja nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Ottubru 1986 u joqghod 28, Independence Flats, Flat 3, Triq l-Oratorju, l-Isla, detentur tal-karta tal-identita numru 211804L **jitqieghed taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta’ tlett snin imputat **Tyrone Graig Dark** ghandu jgib ruhu tajjeb,

jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-imputat **Tyrone Graig Dark** ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;

3. Illi l-imputat **Tyrone Graig Dark** ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;

4. Illi l-imputat **Tyrone Graig Dark** ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probation; u

5. Li l-imputat **Tyrone Graig Dark** jibda jaghmel programm ta' rihabilitazzjoni kontra l-abbuz mid-droga.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

……………………………..
**TYRONE GRAIG DARK**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------